155

Refalo & Zammit Pace
ADVOCATES

**Is-Segretarju**
**It-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**PO Box 172**
**Marsa**
**Malta**

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
22 APR 2019
ST. FRANCIS DITCH FLORIANA

22 ta' April 2019

| | |
|---|---|
| Ordni ta' Waqfien | OWK 0020/19 |
| Post | Barriera numru 29, Triq il-Belt Valletta, Imqabba |
| Stop and Compliance Order | IF0234/19 |

Sinjur/a

Ninsab inkarigat niktiblek ghan-nom ta' R.Scicluna Limited (C13972) ta Arjuza, Imqabba Road, Siggiewi sabiex nintavolaw il-prezenti appell quddiem it-Tribunal mill-Ordni ta' Waqfien OWK 0020/19 datata 5 ta' April 2019, Stop and Compliance Order IF0234/19.

Bis-sahha tal-prezenti ittra u ai termini tal-Artikolu 76(9) u (10) tal-Kap. 549, l-imemmija R.Scicluna Limited qieghda tappella mill-Ordni ta' Waqfien sucitata mahruga mill-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi

1) **Preliminari**

Illi in linea preliminari jigi sottomess illi fl-Ordni ta' Waqfien taghha, l-Awtorita taghmel biss referenza generika ghal ligi sussidjarja li hija jidhrilha li giet vjolata minghajr ma tindika d-dispozizzjonijiet partikolari illi hija tqis illi gew hekk vjolati. Evidentement dan in-nuqqas da parti tal-Awtorita jillimita sinnifikatament d-dritt ta' appell tas-socjeta appellanti sabiex tappella mid-decizjoni tal-istess Awtorita u tikkritika l-mod kif l-Awtorita tat id-decizjoni taghha

Illi f'dan is-sens allura d-decizjoni tal-Awtorita hija proceduralment monka u ghandha tigi annullata.

Illi fi kwalisiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta appellanti sejra tipprocedi billi titratta l-aggravji taghha, u dan sa fejn dejjem huwa possibbli tenut kont tan-nuqqasijiet fl-imsemmija decizjoni tal-Awtorita.

2) **Tfiegh ta' radam, skart u kwalunkwe materjal iehor fil-barriera minghajr permess bi ksur tar- Regolamenti dwar Maniggar ta' Skart (Maniggar ta' Skart mill-Industriji ta'Estrazzjoni u Rdim) (L.S. 549.50).**

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi s-socjeta appellanti ma hijiex operatur ta' facilita tal-iskart u qatt ma agixxiet f'din il-kwalita u ghaldaqstant l-Legislazzjoni Sussidjarja 549.50 ma hijiex applikabbli ghaliha.

61, St. Paul Street,Valletta VLT 1212 Malta
PHONE +356 2122 3515 / +356 2123 2479 / +356 2122 6088 / +356 2122 6268 FAX +356 2124 1170

Ghal dan issir referenza ghal regolament 3 li fit-tifsira ta' facilita tal-iskart espressament jeskludli spazji vojta.

*"Izda tali facilitajiet huwa meqjusa li jinkludu kull diga jew struttura ohra li sservi sabiex tikkontjeni, izomm, tikkonfina jew b'xi mod iehor issostni tali facilita, u wkoll li jinkludu, izda ma tkunx limitata ghal, borgijiet u ghadajjar, izdja jeskludu spazji vojta ta' skavar. "*

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kuntrarjament ghal dak allegat mill-Awtorita ma ntrema l-ebda skart fil-barriera propjeta tas-socjeta apellanti. Kwalunkwe materjal li jinsab fl-istess barriera ghandu uzu u skop partikolari.

Is-socjeta appellanti ma qieghdet jew halliet l-ebda materjal fl-istess barriera sabiex jinterma jew bil-hsieb li jinterma jew li hija mehtiega tarmi.

Illi fit-tielet lok, jigi sottomess illi s-socjeta appellanti qed tippresupponi illi l-allegat materjal illi jidher li fuqu l- Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi qieghda tibbaza l-ordni ta' waqfien taghha huwa fir-rigward ta' materjali li jinsab fl-istess barriera u li fil-mument qieghed jintuza bhala sapport. F'dan ir-rigward jigi rilevat illi tali materjal huwa depozitu kkontrallat ta' rdim illi ngabar kollhu f' munzell wiehed u fil-mument qieghed iservi bhala sapport sabiex il-makkinarju jigi livell mat-triq u liema makkinarju ma jistax jinzel fil-barriera. Illi dan il-materjal qieghed hemm temporanjament.

**3) Tfiegh ta' radam, skart u kwalunkwe materjal iehor fil-barriera minghajr permess bi ksur tar- Regolamenti dwar l-Iskart. (L.S. 549.63)**

Illi s-socjeta appellanti terga ttenni illi kwalunkwe materjal jew skart li tirreferi ghalih l-Awtorita ma jistax jitqies bhala skart il-ghaliex ma hemm l-ebda intenzjoni illi dan jintrema. Huwa evidenti li kwalisiasi radam jew materjal iehor ghandu utilita fl-industrija tal-kostruzzjoni u ghalhekk ma kien hemm ebda intenzjoni illi materjal bhal dan jigi mormi mis-socjeta appellanti.

Illi r-radam jew materjal iehor huwa prodott sekondarju u ghaldaqstant ai termini ta' regolament 5 ta' L.S. 549.63 ma ghandhux jitqies bhala skart.

Ghaldaqstant, fid-dawl tar-ragunijiet hawn fuq premessi u ghal dawk ir-ragunijiet l-ohrajn li sejrin jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, is-socjeta appellanti titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal joghgbu jhassar u jirrevoka l-Ordni ta' Waqfien OWK 0020/19 datata 5 ta' April 2019, Stop and Compliance Order IF0234/19, bl-ispejjez.

Avv. John Refalo | Avv. Manuel Galea

Refalo & Zammit Pace
ADVOCATES

Lista ta' Dokumenti;

Kopja tal- Ordni ta' Waqfien OWK 0020/19 datata 5 ta' April 2019 hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument A**

Avv. John Refalo

Avv. Manuel Galea

Lista ta' xhieda

Rapprezentanti u impjegati prezenti u passati tas-socjeta appellanti
Rapprezentanti u ufficjali prezenti u passati tal-Awtorita ghall-Ambjent u Rizorsi
Periti u esperti sabiex jaghmlu l-konstazzjonijiet taghhom

Avv. John Refalo

Avv. Manuel Galea